# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 22 ta' April 2002**

**Avviz. numru 693/01**

**Numru 34**

**Charles u Simone konjugi Bonello**

**vs**

**David Coleiro**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn lira Maltin (LM2,000) rappresentanti din is-somma self skond skrittura privata, kopja ta' liema giet esebita mal-avviz bhala Dok A.

Bl-ispejjes u l-imghax. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-anness "Dok A" a fol 2 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fl-20 ta' Marzu 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' Lm2,000.00,0 bl-imghax legali mill-25 ta' Lulju 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Deputat Registratur